**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 10 ta' Mejju, 2017**

Kawza Numru: 547/2016JB

Numru: 4

**Go p.l.c. (C22334)**

***vs***

**SFL Communications Limited (C46233)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-18 ta' Novembru 2016 fejn is-Socjeta Attrici talbet li s-Socjeta' Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' erbat elef seba' mija u disghin euro u erbatax-il centezmu (€4790.14) rapprezentanti provvista ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni. Talbet ukoll l-ispejjez u l-imghax;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-23 ta' Jannar 2017 (a fol 22);

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti (a fol 40), is-Socjeta' Konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment u lanqas ma deher rapprezentant taghha ghas-smiegh;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta*

*waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi hu car li fil-kawza odjerna, is-Socjeta' Attrici irnexxielha tipprova t-talba fil-waqt li s-Socjeta' Konvenuta ma ressqet ebda kontestazzjoni u ghalhekk jixraq li t-talba tintlaqa';

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-Socjeta' Konvenuta thallas is-somma ta' €4790.14 lis-Socjeta' Attrici bl-imghax mid-data tan-notifika tal-kawza. Spejjez kif mitluba fl-Avviz a karigu tas-Socjeta' Konvenuta.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*